# 45. Il-Papuċa f'Tal-Pietà

Minn Wied il-Qliegħa
iż-żerriegħa
tal-Papuċa
emigrat
fuq l-ajruplan
tal-lbiċ,
u f'tal-Pietà
waqfet u qagħdet
f'daqsxejn ta' ħofra
fuq xifer blata
taħt ħajt ta' dar.

Ferrxet għeruqha,
u ħażnet l-ilma
f'naqra ħamrija;
xettlet il-friegħi
bħal brazzi ħodor
fuq ras il-blata,
u xegħlet fihom
il-lampi ħomor
tal-fjuri tagħha.

Ġwejda fir-rokna
qagħdet tfakkar lin-nies
li tgħaddi tiġri fix-char-a-bancs,
fgati bid-dħaħen tad-diesel,
imtarrxa bil-ħsejjes
tal-magni, tal-ħornijiet u r-roti,
li f'Wied il-Qliegħa
fejn jgħixu niesha,
hemm ġmiel
bla ħjiel
ta' fjuri, ta' ħxejjex, ta' xtieli,
ta' siġar,
hemm għana t'għasafar,
gelgul ta' widien,
hemm safa ta' arja
hemm ħajja bla għaġla,
hemm sliem
bla tmiem.